WIRT IŻ-ŻEJTUN


Ħajt il-Wied fi tlugħ ix-xemx

BIEX INŻOMMUK INFURMAT

Marzu 2015 Ħarġa Nru. 16

## Aħbarijiet fil-Qosor

- Fil-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-għaqda Wirt iż-Żejtun, li saret nhar il-Ħadd 25 ta' Jannar 2015, ġie kkonfermat il-kumitat il-ġdid għas-sentejn li ġejjin. Fil-kariga ta' President inħatar Ruben Abela, filwaqt li TraceyAnne Cumbo inħatret bħala Segretarja, Jesmond Cutajar inħatar bħala Teżorier, Marcelle Cannataci bħala PRO u Samuel Falzon, Michael Aquilina u Karen Abela bħala membri.
- L-ewwel attivita' tal-kumitat il-ġdid kienet il-preżentazzjoni tal-ktieb "The Turkish Raid of 1614" lill-Eċċellenza Tagħha Marie-Louise Coleiro Preca, President ta' Malta, nhar it-30 ta' Jannar fil-Palazz ta' San Anton. Dan il-ktieb jiġbor fih ir-riċerka li ġiet ippreżentata waqt is-simpożju tal-istess isem u li nżamm f'Ġunju 2014.
- Wirt iż-Żejtun dan l-aħħar ġiet avviċinata minn xi bdiewa li jaħdmu r-raba' qrib iż-żona industrijali ta' Buleben li huma mħassbin dwar dak li jidher li huwa pjan sabiex iż-żona industrijali tiġi estiża lejn iż-Żejtun. Bħala għaqda ktibna lil Prim Ministru fejn wassalna t-tħassib tagħna dwar dan u nfurmajnieh li jekk dawn il-pjanijiet huma minnhom, żvilupp bħal dan ser ikun qed jagħmel ħsara ambjentali fiż-żona rurali madwar iż-Żejtun.

# Attivita' għall-Gwidi

**Nhar il-Ħadd 8 ta' Marzu, Wirt iż-Żejtun organizzat attivita' immirata lejn il-gwidi tat-turisti.**

Bħala impenn ta' Wirt iż-Żejtun sabiex jissaħħaħ l-għarfien dwar il-wirt storiku u artistiku taż-Żejtun, ħadna ħsieb li norganizzaw mixja informattiva fiċ-ċentru taż-Żejtun għall-gwidi tat-turisti. Parti minn din il-mixja kienet żjara fil-knisja parrokkjali, fejn dawk li attendew ingħataw tagħrif dwar id-diversi xogħlijiet ta' arti li nsibu fil-knisja. Wara żjara fil-kannierja u l-bejt tal-knisja, il-gwidi żaru l-mużew tal-istorja u arti li nsibu fil-parroċċa. L-attivita' ntemmet bi żjara f'Ta' Ġanna Bar, fejn kienet għaddejja sessjoni ta' għana.

Għalkemm ma kienx hemm xi attendenza numeruża għal din l-attivita', l-gwidi li attendew kienu sorpriżi b'dak li għandu x'joffri ż-Żejtun għal-turiżmu b'differenza.



## *Editorjal:* Il-Ġimgħa Mqaddsa

**Fl-ewwel kwart ta' kull sena, bosta Żwieten ikunu qed jistennew bil-ħerqa l-jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa. Is-sollennita' u l-ġabra tal-funzjonijiet reliġjużi għadhom jiġbdu aktar nies mis-soltu lejn il-knisja. Oħrajn jgħożżu dawn il-jiem bħala dilettanti tal-Ġimgħa l-Kbira. Hemm ukoll dawk li jistkerrhu dawn il-jiem għaliex iqisuhom bħala jiem ta' dwejjaq.**

It-twemmin reliġjuż ta' missirijietna u l-għożża li kellhom lejn ix-xogħol artistiku, ħallew warajhom mhux biss teżori iżda wkoll imħabba u mpenn fil-ġenerazzjonijiet ta' warajhom, lejn il-Ġimgħa Mqaddsa u l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

Sa mill-bidu tat-twaqqif ta' Wirt iż-Żejtun, ta' kull sena ħadna ħsieb li norganizzaw intervista pubblika marbuta ma' dan il-wirt etnografiku. Stedinna persuni li rrakkuntaw tifkiriet marbuta mal-jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa fl-imgħoddi. Kellna wkoll artisti li ħadmu fix-xogħol tal-interzjar fl-injam u fix-xogħol tal-fidda li nsibu fis-sett tal-vari taż-Żejtun. Din is-sena ħadna ħsieb nistiednu saħansitra skultur li ħadem uħud minn dawn il-vari. Iżda x'inhu l-iskop ta' dawn l-intervisti?

Għalkemm hemm mijiet ta' persuni li jieħdu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, inħossu li huma l-ftit li japprezzaw verament dan bħala wirt missirijietna. Għalhekk l-għan wara dawn l-intervisti huwa mhux biss wieħed informattiv, iżda wkoll edukattiv. Wieħed irid japprezza li wara dik il-bradella interzjata, m'hemmx biss is-sbuħija artistika, iżda wkoll sigħat twal ta' xogħol minn dak l-artist li ħadimha.

B'hekk irridu nrawmu apprezzament sa biex dawk li b'xi mod imissu ma' dan il-wirt, jitgħallmu wkoll l-ħtieġa li jibżgħu għalih. Għalkemm kliem il-Malti jgħid li l-musmar il-ġdid jaqla' l-qadim, irridu noqogħdu attenti li ma nwarrbux il-qadim għax inkunu attirati mill-ġdid, għaliex l-veru preġju jinsab fil-qadim. B'hekk biss nistgħu verament ngħaddu dan il-wirt etnografiku lil ta' warajna b'kundizzjoni awtentika.

# Mappa rari se tiġi rrestawrata

**Ftit jafu u bosta qatt ma nnutaw mappa rari u unika li għandna fiż-Żejtun.**

Din il-mappa ma tinsabx fl-arkivji, lanqas f’xi kollezzjoni privata. Jekk taħsbu li din tinsab fuq xi karta antika sejrin żball. Il-mappa hija minquxa fil-ġebel u tinsab fuq il-bieb ewlieni ta’ Dar San Ġużepp, jew id-dar tas-Sorrijiet Ulied il-Qalb ta’ Ġesu’ fi Triq San Luċjan, iż-Żejtun.

Din id-dar għandha mhux biss importanza arkitettonika iżda wkoll valur storiku minħabba li kienet inbniet bħala waħda mill-ewwel skejjel f’Malta fil-bidu tas-seklu 19.

Fil-ġimgħat li ġejjin, Wirt iż-Żejtun se tkun qed twettaq proġett ieħor ta’ restawr b’ġieħ lejn il-wirt storiku ta’ Beltna, billi ser nirrestawraw u nikkonservaw din il-mappa rari.



# ATTIVITAJIET FIL-QRIB



**25 ta’ Marzu 2015**
**Fis-7:00 ta’ filgħaxija**
**Knisja Parrokkjali**
Xogħol l-iskultur fil-wirt sagru tal-Ġimgħa l-Kbira
Intervista pubblika mal-Kavallier Alfred Camilleri Cauchi

**19 t’April 2015**
**Fid-9:00 ta’ filgħodu**
**Misraħ Karlu Diacono**
Iċ-Ċentru taż-Żejtun
Mixja kulturali fit-toroq taċ-Ċentru taż-Żejtun u żjara informattiva fil-knisja parrokkjali u l-mużew





**7 t’ April 2015**
**Fis-7:00 ta’ filgħaxija**
**Parroċċa l-Qadima**
Knisja Antika Koppla Antika
Preżentazzjoni ta’ studju mill-Perit Karen Abela dwar il-bini tal-parroċċa l-qadima (San Girgor)

**3 ta’ Mejju 2015**
**Fid-9:00 ta’ filgħodu**
**Misraħ Wistin Abela**
Ix-Xlokk benniena ta’ Storja
Żjara kulturali f’Għar Dalam, Borġ in-Nadur u ta’ Kaċċatura (tluq bil-private minn wara l-knisja)





**L-GĦID IT-TAJJEB**




**Fittex WIRT IŻ-ŻEJTUN fuq facebook**